Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Jannar 2022
(OR. en)

15207/21
PV CONS 53
ENV 1034
CLIMA 466

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ambjent)

20 ta' Diċembru 2021

# WERREJ

**Paġna**


1. Adozzjoni tal-aġenda ........................................ 3

2. Approvazzjoni tal-punti "A"
   a) Lista mhux leġiżlattiva ........................................ 3
   b) Lista leġiżlattiva ........................................ 4


**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**


3. Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"
   a) Ħarsa ġenerali lejn il-progress ........................................ 5
   b) Proposti leġiżlattivi ........................................ 6

4. Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 ........................................ 6


**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**


5. Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 - Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha
   għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima ........................................ 6


**Affarijiet oħra**


6. a) Il-pakkett dwar il-Mobilità fil-kuntest tal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew..... 7
   b) Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin ........................................ 7
   c) It-Tielet Forum dwar l-Arja Nadifa (Madrid, 18-19 ta' Novembru 2021) ........................................ 7
   d) Proposti leġiżlattivi attwali ........................................ 7
   e) Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 ........................................ 8
   b) (kontinwazzjoni) Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin ........................................ 8
   f) Laqgħa Informali tal-Ministri responsabbli għal Kwistjonijiet Urbani – ir-rwol tal-bliet Ewropej fit-tranżizzjoni ekoloġika u fil-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku (virtwali, 26 ta' Novembru 2021) ........................................ 8
   g) Workshop dwar ir-riforma tar-REACH (Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni) (Brdo, 9 ta' Novembru 2021) ........................................ 9
   h) Regolamentazzjoni ta' pjanti miksuba b'tekniki ġenomiċi ġodda – ħtieġa għal azzjoni koordinata ........................................ 9
   i) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss ........................................ 9

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill ........................................ 10


***

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 14926/21.

## 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

### a) Lista mhux leġiżlattiva — 14960/21

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14960/21 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

| | | | |
|---|---|---|---|
| 14. | Regolament dwar is-Sospensjonijiet fuq ċerti prodotti agrikoli u industrijali<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.12.2021 | C | 14531/21<br>14387/21<br>**+ REV (pl)**<br>UD |

Pożizzjonijiet tal-UE għal negozjati internazzjonali

| | | | |
|---|---|---|---|
| 18. | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tal-UE li għandha tittieħed fil-Kunsill ta' Sħubija skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit rigward l-estensjoni tad-deroga mill-obbligu li titħassar id-data tal-PNR<br>*Adozzjoni*<br>approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-08.12.2021 | C | 14432/21 + ADD 1<br>+ ADD 1 COR 1<br>**+ COR 1 (el)**<br>**+ ADD 1 COR 2 (el)**<br>14472/21<br>UK |

**b)** **<u>Lista leġiżlattiva</u>** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) — 14961/21

<u>Ġustizzja u Affarijiet Interni</u>

1. **Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi** — ❶C — 14594/21 PROCIV
*Approċċ ġenerali*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-08.12.2021

<u>Il-Kunsill</u> qabel dwar approċċ ġenerali rigward din il-proposta għal Direttiva. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE)

<u>Saħħa</u>

2. **Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2017/746 dwar apparati mediċi dijanjostiċi in vitro (IVDR)** — ❶C — 14887/21 PE-CONS 79/21 PHARM
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.12.2021

<u>Il-Kunsill</u> approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 114 u 168(4) TFUE)

<u>Trasport</u>

3. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija** — ❶C — 14832/21 13531/21 + ADD 1 TRANS
*Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.12.2021

<u>Il-Kunsill</u> adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, bis-<u>Slovakkja</u> tastjeni u l-<u>Awstrija</u> tivvota kontra, f'konformità mal-Artikolu 294(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill. (Bażi legali: l-Artikoli 16(2) u 91(1) TFUE))

Żgħażagħ

| | | |
|---|---|---|
| **4.** | **Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*<br>approvat mill-Coreper, Parti 1, fil-15.12.2021 | 15020/21<br>+ ADD 1 – 3<br>PE-CONS 81/21<br>JEUN |

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 165(4) u 166(4) TFUE)

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**
**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**3. Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"**

| | | |
|---|---|---|
| **a)** | **Ħarsa ġenerali lejn il-progress**<br>*Rapport ta' progress* | 13977/21 |

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza kif jinsab fid-dokument 13977/21.

**b) Proposti leġiżlattivi** 14585/21

i) Reviżjoni tad-Direttiva (UE) 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra (ETS)

ii) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 (ESR)

iii) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF)

iv) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda

v) Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima
*Rapport ta' progress*
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %" abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza kif jinsab fid-dokument 14585/21

**4. Regolament dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020** ❶C 14568/21
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress tal-Presidenza dwar il-proposta msemmija hawn fuq, kif tinsab fid-dokument14568/21.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

**5. Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 - Ingawdu l-benefiċċji ta’ ħamrija b’saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima** 2 14567/21
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-komunikazzjoni msemmija hawn fuq abbażi ta' mistoqsijiet imħejjija mill-Presidenza, kif jinsab fid-dokument 14567/21.

Affarijiet oħra

6. a) **Il-pakkett dwar il-Mobilità fil-kuntest tal-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew** 14922/21
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Litwana, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Estonjana, Ċiprijotta, Latvjana, Ungeriża, Maltija, Pollakka u dik Rumena*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Litwana, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Estonjana, Ċiprijotta, Latvjana, Ungeriża, Maltija, Pollakka u dik Rumena, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra u l-Kummissjoni.

b) **Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin**

i) **Is-26 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 26)**
**(Glasgow, 31 ta' Ottubru - 13 ta' Novembru 2021)** 14786/21
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni.

c) **It-Tielet Forum dwar l-Arja Nadifa (Madrid, 18-19 ta' Novembru 2021)** 14743/21
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Spanjola, kif ukoll tal-interventi tad-delegazzjoni tan-Netherlands u l-Kummissjoni.

d) **Proposti leġiżlattivi attwali**:
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

i) Proposta għal Regolament dwar il-minimizzazzjoni tar-riskju tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE 14151/21 + ADD 1

ii) Proposta għal Regolament dwar il-vjeġġi ta' skart 14135/21 + ADD 1
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjonijiet li saru mill-Kummissjoni kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

e) **Implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030** ☐ 15051/21
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni, kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

b) **(kontinwazzjoni) Rapporti dwar il-laqgħat internazzjonali reċenti ewlenin** ☐

ii) Il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB COP 15.1) (Kunming (ibrida), 11 - 15 ta' Ottubru 2021) 15043/21

iii) Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Protokoll PRTR: 14909/21

a) Is-seba'sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus (MoP 7)

b) Segment Konġunt ta' Livell Għoli fil-qafas tal-Laqgħat tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus u l-Protokoll tagħha dwar il-PRTRs

c) Ir-raba' sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll dwar il-PRTRs (MoPP 4) (Ġinevra (ibrida) 18 - 22 ta' Ottubru 2021)

iv) It-22 Laqgħa tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Protokolli tagħha (Antalya, 7 - 10 ta' Diċembru 2021) 15046/21

*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni kif ukoll l-intervent minn delegazzjonijiet oħra.

f) **Laqgħa Informali tal-Ministri responsabbli għal Kwistjonijiet Urbani – ir-rwol tal-bliet Ewropej fit-tranżizzjoni ekoloġika u fil-kisba tal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku (virtwali, 26 ta' Novembru 2021)** ☐ 14968/21 + COR 1
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

**g) Workshop dwar ir-riforma tar-REACH (Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni) (Brdo, 9 ta' Novembru 2021)** 15003/21
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni li saret mill-Kummissjoni kif ukoll l-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

**h) Regolamentazzjoni ta’ pjanti miksuba b'tekniki ġenomiċi ġodda – ħtieġa għal azzjoni koordinata** 14714/1/21 REV 1
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, appoġġata mid-delegazzjoni Ċiprijotta, Lussemburgiża u dik Ungeriża*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka, appoġġata mid-delegazzjoni Ċiprijotta, Lussemburgiża u dik Ungeriża, kif ukoll tal-interventi minn delegazzjonijiet oħra.

i) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża*

---

L-ewwel qari

Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)

Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 14961/21**

**Dwar il-punt "A" nru 4:** **Deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ 2022**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL**

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li l-baġit operazzjonali minimu għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ (2022) għandu jiġi stabbilit għal EUR 8 miljun. Minn dak l-ammont, EUR 3 miljun ser jiġu mill-baġit annwali għall-2022 tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u EUR 5 miljun ser jiġu mill-baġit annwali għall-2022 tal-programm Erasmus +.

Barra minn hekk, il-koleġiżlaturi huma impenjati li jħallu legat dejjiemi tas-Sena Ewropea, lil hinn mill-2022. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja, f'konformità mal-Artikolu 314 TFUE, kwalunkwe finanzjament addizzjonali lil hinn mill-2022 għandu jiġi identifikat fi ħdan il-QFP 2021-2027."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tieħu nota tal-qbil tal-koleġiżlaturi li jintroduċu baġit operazzjonali minimu ta' EUR 8 miljun għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ (2022), mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' kontribuzzjonijiet komplementari minn programmi u strumenti rilevanti oħra tal-Unjoni flimkien ma' dan l-ammont ta' EUR 8 miljun.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser twettaq eżerċizzju ta' mmappjar matul is-Sena u ser taġġornah regolarment billi tiddeskrivi l-kontribuzzjonijiet possibbli u reali mill-programmi u l-istrumenti tal-UE għall-implimentazzjoni tas-Sena Ewropea taż-Żgħażagħ u tirrapporta dwar l-attivitajiet. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet mill-programmi tal-Unjoni ser jiġi ppreżentat regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom jitqiesu bħala komplementari u ogħla mill-baġit operazzjonali minimu ta' EUR 8 miljun."

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tiddikjara li l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. L-Ungerija tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Ungeriża f'konformità mal-istrumenti dwar id-drittijiet tal-bniedem internazzjonalment vinkolanti u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel" fl-Abbozz ta' Deċiżjoni (UE) 2021/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Sena Ewropea taż-Żgħażagħ (2022).

Barra minn hekk l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Istrateġija"), imsemmija f'din id-Deċiżjoni, għandha tiġi interpretata bir-rispett dovut għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

**DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"Ir-Repubblika tal-Polonja tifhem "l-ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala li tirreferi għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif stabbilit fl-Artikoli 2 u 3 TUE.

Barra minn hekk, ir-Repubblika tal-Polonja tifhem "ġeneru" u "sess" f'konformità mal-Artikolu 10, l-Artikolu 19(1) u l-Artikolu 157(2) u (4) TFUE."